# QORTI ĊIVILI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Għaxra (10) ta' Marzu 2022**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 253/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Robert Strickland**
**(ID 312013L)**

**Vs**

**Allied Newspapers Limited**
**kif ukoll**
**Strickland Foundation**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat fil-21 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent talab lill-Qorti sabiex, bil-għan illi jiġu kkawtelati d-drittijiet tiegħu, il-Qorti għandha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' l-intimati fejn jiġu inibiti:

    *Milli jżommu jew l-Istrickland Foundation tovvota fuq kwalsiasi emenda għall-istatut ta' Allied Newspapers Limited, ud ana stante li prima facie fid-dritt għall-vot ma jispettax lilha imma lir-rikorrenti bħala eredi ta' Mabel Strickland, u in partiklari tinibihom milli jżommu l-laqgħa tal-25 ta' Marzu 2022.*

2. Rat illi fil-21 ta' Frar 2022, il-Qorti laqgħet il-Mandat ta' Inibizzjoni provizzorjament filwaqt illi ordnat in-notifika lill-intimat b'għaxart ijiem għar-risposta w appuntat il-Mandat għat-trattazzjoni finali għat-3 ta' Marzu 2022.

3. Rat illi, permezz ta' risposta ippreżentata fit-2 ta' Marzu 2022, l-intimata Allied Newspapers Ltd opponiet għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, filwaqt illi fit-3 ta' Marzu 2022, l-Istrickland Foundation opponiet ukoll għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-3 ta' Marzu 2022, wara liema trattazzjoni r-rikors ġie differit għad-deċiżjoni finali.

## Konsiderazzjonijiet Fattwali

5. Jirriżulta illi r-rikorrent huwa werriet universali ta' Mabel Strickland, ġia propretarja tas-soċjeta' Allied Newspapers Limited.

6. Jirriżulta illi skond testment ta' Mabel Strickland, hija ħalliet legat favur The Strickland Foundation ta' 508 sehem ordinarju fis-soċjeta' Allied Newspapers Limtied, liema ishma ordinarji ġew bejn sussegwentement reġistrati f'isem The Strickland Foundation fis-sena 2010.

7. Jirriżulta illi tali reġistrazzjoni ta' ishma a favur tas-soċjeta' intimata The Strickland Foundation ġiet ikkontestata mir-rikorrent u hija l-meritu ta' proċeduri quddiem dina l-Qorti, kif komposta, fl-ismijiet 'Robert Hornyold Strickland vs Allied Newspapers Limited et', Rikors Ġuramentat Nru 1136/2015 FDP.

8. Jirriżulta illi r-rikorrent, permezz tal-Mandat odjern, qiegħed jitlob illi s-soċjetajiet intimati jiġu inibiti milli jżommu l-laqgħa ġenerali tal-25 ta' Marzu 2022, peress illi s-sejħa għal-laqgħa ġenerali straordinarja "ma hi xejn ħlief tentattiv fjakk biex tevita l-konsegwenzi liġiki fil-kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili".

9. Jirriżulta illi l-intimati oġġezzjonaw għall-ħruġ tal-Mandat peress illi nsistew illi ma jissussistux it-tlett elementi stabbiliti fl-Artikolu 873 tal-Kap 12, ossija

    a. Id-dritt prima facie tar-rikorrent li jħares il-jeddijiet tiegħu;
    b. Illi l-aġir tal-intimati huwa ta' preġudizzju għar-rikorrenti;
    c. Illi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddjiet tar-rikorrent.

10. Jirriżulta wkoll illi ġew ippreżentati l-Aġenda tal-Laqgħa Ġenerali Annwali illi kienet ser tinżamm fil-25 ta' Frar 2022 (u mhux fil-25 ta' Marzu 2022 kif indikat mir-rikorrent) flimkien mal-emendi proposti.

**Konsiderazzjonijiet legali**

11. Jirriżulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

12. Jirriżulta wkoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

13. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16 LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjesti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

> *Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*
>
> *(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*
>
> *(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ, il-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*
>
> *Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* ***Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et*** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R. Micallef:*
>
>> *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) <u>ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd</u>: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

> *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan minn naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u minn naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "<u>Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn</u>. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* ***Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti****, Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) <u>Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi</u>. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

**Konsiderazzjonijiet Finali**

14. Jirriżulta ċar, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent ried iwaqqaf il-Laqgħa Ġenerali Annwali li kienet ser tinżamm fil-25 ta' Frar 2022 u mhux dik tal-25 ta' Marzu 2022, kif minnu indikat.

15. Jirriżulta illi, minkejja dana l-iżball ġenwin tar-rikorrent, is-soċjetajiet intimati għarrfu lill-Qorti illi huma xorta waħda ma żammewx il-Laqgħa Ġenerali Annwali illi kienet ser isseħħ fil-25 ta' Frar 2022, għalkemm ma kinux inibiti milli jagħmlu dan.

16. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent għandu pretensjoni kontra l-intimati, illi ġiet minnu redatta f'rikors ġuramentat preżentement pendenti quddiem il-Qorti, ossija Rikors Nru 1136/2015 FDP, li tinsab preżentement fi stadju tal-provi intimati.

17. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi ma hemmx dubju illi r-rikorrent għandu jedd prima facie li jħares id-drittijiet tiegħu.

18. Jirriżulta wkoll, illi, fit-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tar-rikorrenti, ġie iċċarat illi r-rikorrent ma kellu ebda oġġezzjoni illi tinżamm il-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-soċjeta' Allied Newspapers Limtied, a differenza ta' dak minnu dikjarat fir-rikors

promotur, iżda kellu oġġezzjoni illi jiġu diskussi u deċiżi l-'Extraordinary Resolutions' indikati bħala 'Item 7' fl-aġenda lilu mibgħutha u ppreżentata mis-soċjeta' intimata Allied Newspapers Limited flimkien mar-risposta tagħha.

19. Jirriżulta, minn eżami fir-reqqa tal-emendi proposti indikati fid-dokument intitolat '***Circular to the Shareholders of Allied Newspapers Limited (C 308) This 4th February 2022***' u redatt għal-Laqgħa Ġenerali Annwali, illi l-emendi kollha hemm proposti kienu, kif indikat mill-abbli difensur tas-soċjeta' intimata Allied Newspapers Limited "*emendi li ġew proposti in the normal course sabiex is-soċjeta' esponenti tkun tista' topera aħjar*".

20. Jirriżulta wkoll illi l-proposti kif elenkati fil-fuq msemmi dokument ippreżentat lil dina l-Qorti bl-isem '***Circular to the Shareholders of Allied Newspapers Limited (C 308) This 4th February 2022'*** ma jirrekawx preġudizzju irrimedjabbli lir-rikorrent, peress illi kwalsiasi hemm deċiża tista' tigi revokata u/jew emendata fl-eventwalment li l-pretensjoni tar-rikorrent kif proposta fir-Rikors Ġuramentat 1136/2015 tiġi lilu akkordata.

21. Jirriżulta, għalhekk, illi għalkemm ir-rikorrent għandu *prima facie* dritt x'jitħares, ma jirriżultax illi l-aġir tas-soċjeta' intimata huwa wieħed li ser joħloq preġudizzju irrimedjabbli lir-rikorrent, u għalhekk it-talba kif minnu mressqa ma' timmeritax illi tiġi akkordata.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fil-21 ta' Frar 2022 billi:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kf propost, u għalhekk;

**Tirrevoka** 'contrario imperio', id-digriet tagħha tal-21 ta' Frar 2022 fejn laqgħet il-Mandat provizzorjament.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**